MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 1340/1991/1

**Christina Borg f' isimha proprju u bhala legittima rappresentanta ta' bintha minuri Maria Borg u Antoine Borg u Stanley Borg u b' digriet tas-6 ta' Marzu, 2003 Carmel sive Charles u Leanne mizzewgin Abela assumew l-atti ta' din il-kawza minflok l-atturi precednti**

**vs**

**David Schembri f'ismu proprju u ghal kull interess li jista' jkollu bhala Kap tal-Komunjoni tal-Akkwisti u bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu Christine, u l-istess Christine Schembri.**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:-

Illi huma jipposjedu b'titolu ta' enfitewsi perpetwa bicca art msejjha Tal-Babaw' fil-kontrada tas-Simblija sive tal-Iklin limiti tan-Naxxar liema art tmiss ma' propjeta' tal-Konvenuti;

Illi l-atturi ghandhom bzonn li jigu stabbiliti l-konfini ta' din l-art u interpellaw inutilment lill-konvenuti biex jistabilixxu dawn il-konfini;

Ghalhekk l-atturi qed jitolbu li 1. jigu stabbiliti l-konfini tal-propjetajiet fuq imsemmija u li jigu delineati l-proprjeta' tal-atturi minn dik tal-konvenuti u dana taht id-direzzjoni ta' perit li jigi nominat minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Settembru, 1991, kontra l-konvenuti li gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit:-

Illi fl-ewwel lok l-atturi ghandhom jipprovaw t-titolu taghhom u l-estenzjoni tal-propjeta li jallegw li hi taghhom.

Fit-tieni lok f'kaz li jirrizulta li l-propjeta tal-atturi tikkonfina ma dik tal-eccipjenti, ma jsibu ebda oggezzjoni ghat-talba tal-atturi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat id-dikriet taghha (diversament presjeduta) tas-17 ta' Frart 1992 li bih gew nominate bhala esperti l-Avukat Dottor Marco Grixti u l-AIC Fredrick Doublet.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti.

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali Dottor Marco Grixti debitament ikkonfermata bil-gurament.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku l-AIC Fredrick Doublet debitament konfermat bil-gurament.

Rat ir-rapport addizzjonli tal-Perit Tekniku in konnessjoni ma domandi li saru lill-isatess Perit Tekniku.

Rat it-tieni nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti.

Rat in-nota ta’ spottomissjonijiet responsiva tal-atturi.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkonsidrat:-

**Konsiderazzjonijiet ta’ fatt**

L-atturi jippremettu li huma propjetarji ta’ biċċa art imsejjħa Tal-Babaw, kontrada tas-Simblija, limiti ta’ l-Iklin limiti tan-Naxxar, u li dina l-art tmiss mal-propjeta’ tal-konvenuti. L-atturi qed jitolbu li din il-Qorti tistabbilixxi l-konfini tal-propjetajiet imsemmija u tiddelinja l-propjeta’ tal-atturi minn dik tal-konvenuti.

Skond il-konvenuti hu necessarju li l-atturi jaghmlu l-prova tal-estensjoni tal-propjeta’ taghhom u trid tinstab il-linja ta’ demarkazzjoni bejn iz-zewg propjetajiet, essenzjalment fil-parti fejn il-prpjetajiet imissu ma xulxin.

**Konsiderazzjonijiet ta’ ligi**

Fir-relazzjoni tiegħu, il-Perit Legali kkonkluda kif gej:-

“Il-perit legali ma għandux l-iċken dubbju li l-attur xtara l-art bil-konfigurazzjoni imsemmija u anke l-perit tekniku, mill-kejl u l-konstazzjonijiet li għamel, wasal għall-istess konklużjoni. Għandu jingħad ukoll illi mindu inbiegħet din l-art l-ewwel darba fl-1973 sallum ma ġiex ippruvat li kien

hemm xi molestja minn terzi fil-konfront tal-atturi jew l-awturi tagħhom u kwindi, billi l-perjodu deċennali ilu li għalaq, kull dubju li seta kien hemm illum ġie estint.

Għalhekk il-perit legali huwa tal-fehma li l-attur ipprova t-titolu tiegħu għall-art.

L-attur fiċ-ċitazzjoni tiegħu talab illi jiġu stabbiliti l-konfini bejn il-proprjetajiet rispettivi tal-kontendenti. Il-perit tekniku Fredrick Doublet irrelata li l-linja diviżorja għandha tkun skond il-pjanta DRG No FD1 annessa mar-relazzjoni tiegħu u l-perit legali ma jara ebda raġuni għaliex għandu jiddipartixxi minn din il-konklużjoni tal-perit tekniku."

Ghalhekk jirrizulta li l-perit legali ikkonkluda li għandhom jintlaqgħu it-talbiet attriċi kif dedotti, għandu jiġi iddikjarat li l-linja diviżorja bejn il-proprjetajiet tal-kontendenti għandha tkun kif stabbilita fid-dokument DRG No FD1 fuq imsemmi u għandu jiġi nominat l-istess perit Fredrick Doublet biex taħt is-sorveljanza tiegħu jiġu immarkati l-konfini ta-żewġ proprjetajiet.

Fir-relazzjoni tiegħu, il-Perit Tekniku Fredrick Doublet irrelata estensivament dwar il-konstatazzjonijiet tekniċi u wasal għall-konklużjoni teknika illi t-triq pubblika saret kollha kemm hija fuq art tal-attur u li inoltre anke parti mill-fond ta' faċċata l-attur appartenenti lill-konvenut inbniet fuq art tal-attur. Din il-Qorti tagħmel riferenza għall-konstatazzjonijiet u l-konklużjonijiet tal-imsemmi perit tekniku a fol 165 et seq u a skans ta' ripetizzjoni tagħmilhom tagħha.

Din il-Qorti hija konvinta li kemm ir-relazzjoni tal-perit tekniku kif ukoll ir-relazzjoni tal-perit legali hija waħda ġusta u korretta, immottivati u għalhekk din il-Qorti sejra toqgħod fuqhom.

Il-konvenuti ppresentaw (fol 178) nota bit-talba ghal nomina ta' periti addizzjonali, pero' jirrizulta li kien hemm rinunzja ghal din l-istess talba (fol.378).

Din il-Qorti qieset bir-reqqa dak li rrelataw l-perit tekniku u il-perit legali, u ser toqghod fuq l-istes relazzjonijiet u taghmilhom taghha u dan fir-rigward  kemm tal-kostatazzjoniet kif ukoll fil-konkluzjonijiet, stante li ma jirrizulta ebda fatt jew cirkostanza li jwasslu lil din il-Qorti tiddipartixxi minn dak kollu li rrelataw il-periti. Lanqas ma jirrizulta li dawn l-istess konklużjonijiet ġew b'xi mod kontestati milll-partijiet.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici kif dedotti u tiddikjara li l-linja diviżorja bejn il-proprjetajiet tal-kontendenti hi dik kif stabbilita fid-dokument DRG No FD u tinnomina lill-AIC Valerio Schembri biex taħt is-sorveljanza tiegħu jiġu immarkati l-konfini taż-żewġ proprjetajiet kif indikat fl-imsemmija pjanta.

Spejjez bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------